Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Paul Bond)

vs

Alfred Micallef

Illum 8 ta' Mejju, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Alfred Micallef, iben Lawrence u Rita mitwielda Falzon, imwieled fit-3 ta' Settembru, 1959 u detentur tal-karta tal-identita Nru. 562559(M) li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-13 ta' Dicembru, 2000 filghodu waqt li kien fir-raba li qeghda f'Tas-Salib, San Lawrenz, limiti tas-Siggiewi, harat l-istess raba' u voluntarjament ikkaguna hsara fil-prodotti agrikoli, liema hsara tammonta ghal mitejn

lira Maltija (LM200) u dan b'dannu ghal Leonard Schembri mis-Siggiewi;

Barra minn dan, akkuzat talli, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-Ligi, izda li jezercita jedd li jippretendi li ghandu, harat l-imsemmija raba' u b'hekk fixkel lill-imsemmi Leonard Schembri fil-pussess ta' hwejjgu, jew b'xi mod iehor kontra l-Ligi dahal f'hwejjeg haddiehor;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Ikkunsidrat illi f'din il-kawza ma instemghu l-ebda xhieda hlief ix-xhieda tal-Ispettur Paul Bond, fejn inter alia l-Ispettur Bond kien esebixxa il-kwerela ta' Leonard Schembri illi tinsab a fol. 12 u 13 tal-process.

Illi gara illi sussegwentement il-kwerelant formalment irtira l-kwerela tieghu fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi u informa lill-Ufficjal Prosekutur li ma kellu l-ebda pendenzi kontra s-Sur Micallef u ma kellu l-ebda interess illi jittiehdu proceduri kriminali ulterjuri kontra l-imputat fuq imsemmi.

Dan kollu jirrizulta minn ittra iffirmata mill-Avukat difensur tieghu Dr Mario Demarco, liema ittra tinsab a fol. 19 tal-process.

Ikkunsidrat :

Illi sabiex din il-kawza titmexxa quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tinhtieg il-kwerela tal-parte civile.  Una volta illi din il-kwerela ma gietx ikkonfermata bil-gurament mill-kwerelant, anzi giet irtirata formalment minnu, il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief illi tillibera lill-imputat fuq imsemmi mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, liema imputazzjonijiet ma gewx ippruvati u konsegwentement il-Qorti tiddikjara lill-imputat bhala mhux hati tal-istess imputazzjonijiet u qeghda tilliberah minnhom.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur